**KUNSILL LOKALI LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

# MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NRU 31 – L-ERBGĦA 30 TA' NOVEMBRU 2011

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. IL-KUNSIDERAZZJONI U L-APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti nqraw u wara li kienu approvati ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sur Jeremy Anthony Dalli, sekondant is-Sinjorina Lorraine Farrugia.

1.2 Lista ta' pagamenti annessa ġiet approvata fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi sekondata minn Dr Marc Sant.

## 2 IL-ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU

2.1 Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi poġġiet quddiem il-Kunsill l-ittra ta' Hugh Arnett bid-data tal-14 ta' Novembru 2011. Din l-ittra kien dwar ir-'road hump' fi Triq Giovanni Barbara, kif ukoll dwar it-traffiku fi Triq Annibale Preca.

2.2 Fir-rigward tar-'road hump', il-Perit John Rizzo Naudi kien ikkonferma li din kienet skont ir-regolamenti tat-traffiku. Għalhekk iċċertifika li għandu jitħallas il-kont li din inħadmet mill-Kuntrattur.

2.3 Il-Kunsill kien ġibed l-attenzjoni li din ir-rampa kienet tidher li hija magħmula ħazin u għalhekk inżamm il-pagament biex il-kuntrattur jagħmel l-alterazzjonijiet neċċessarji.

2.4 Il-Kunsill qabel li din ir-rampa għandha terġa' tkun irranġata skont qisien stabbiliti mit-Transport Malta kif spjegat fl-ittra tas-Sur Hugh Arnett.

2.5 Dwar is-sinjali tat-traffiku fi Triq Annibale Preca, il-Kunsill approva biex dawn isiru kif issuġġeriti fl-istess ittra wara li jitlesta ix-xogħol f'din it-triq.

2.6 Il-Koptasin għandhom jieħdu ħsieb jagħmlu dawn is-sinjali tat-traffiku.

2.7 Fir-rigward ta' 'garage in use', il-Kunsill huwa awtorizzat li jagħmel sinjal b'kulur isfar ta' metru fuq kull naħa tal-garaxx meta dan qed ikun ostakulat minn parking ħazin.

2.8 Dwar il-problema ta' parking bl-addoċċ fi triq Giuseppe Cali, il-Kunsill gie infurmat minn Transport Malta li jkun aħjar li tintela l-formola "Parking Scheme" biex wara li din tkun approvata l-Kunsill ikun jista' jenforza biex il-Parking f'din it-triq isir b'mod regolarizzat.

2.9 Formola tal-Parking Scheme tressqet għall-attenzjoni tas-Sur Hugh Arnett bħala l-konsulent tat-traffiku tal-Kunsill biex tkun ippreparata u titressaq quddiem Transport Malta.

## 3. IL-PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP – IT-TOROQ

3.1 Il-Kunsill għal darb'oħra reġa' ddiskuta l-problema tad-dewmien esaġerat biex ix-xogħol fi Triq Annibale Preca jitkompla malajr kemm jista' jkun.

3.2 Il-*Contract Manager* tal-Kunsill, il-Perit John Rizzo Naudi, informa lill-Kunsill illi għalkemm insista ħafna drabi mal-kuntrattur biex dan jkompli x-xogħol il-Kuntrattur baqa jinjorah.

3.3 Il-Perit John Rizzo Naudi ikkonferma li huwa uffiċjalment kien informa lill-kuntrattur li ser jeħel il-multa li giet stabillita permezz tal-ftehim tat-12 ta' Ottubru 2011.

3.4 Dan il-ftehim, iffirmat mis-Sindku Dr Ian Castaldi Paris, kif ukoll mill-Kuntrattur, Mr Charles Polidano f'isem Polidano Brothers Ltd., kien qed jistabilixxi li l-kuntrattur jeħel multa kuljum wara 21 ġurnata minn dan il-ftehim kemm-il darba x-xogħol ma jitlestiex.

3.5 Il-Kunsill insista wkoll mal-Perit John Rizzo Naudi biex dan jindaga mill-kuntratt tal-PPP Toroq biex ikun stabbilit x'passi jista' jieħu l-Kunsill kontra Polidano Brothers Ltd. jekk dawn jibqgħu ma jkomplux ix-xogħol mibdi minnhom.

3.6 Il-Perit John Rizzo Naudi għandu jagħti rendikont tax-xogħol li sar s'issa, ix-xogħol li għad irid jitwettaq fi Triq Annibale Preca, kif ukoll it-tiswijiet li għadhom pendenti fit-tliet toroq ta' dan il-proġett.

## 4. ATTIVITÀ KULTURALI

- **The Agricultral Heritage Meusum**

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill dwar il-ħarġa kulturali li nżammet nhar l-Erbgħa 30 ta' Novembru 2011 u li ntlaqgħet tajjeb mir-residenti.

4.2 Għal din il-ħarġa attendew madwar ħamsin persuna u dawn urew apprezzament lill-Kunsill li qed jorganizza dawn il-ħarġiet ta' interess kulturali.

- **Il-Knisja ta' Bormla**

4.3 Il-Kunsill unanimanet approva biex tinżamm ħarga kulturali nhar is-6 ta' Diċembru 2011.

4.4 Ir-residenti ser ikunu mdawrin ma' din il-Knisja storika permezz ta' gwida li ser jagħmel spjegazzjoni dwar ix-xogħol ta' arti li jinstabu f'din il-Knisja.

- **Festival taċ-Ċitru**

4.5 il-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, infurmat lill-Kunsill dwar l-attività anwali taċ-Ċitru li ser tinżamm nhar il-Ħadd 8 ta' Jannar 2011.

4.6 Hija qalet li kienet qed tieħu ħsieb li żżomm kuntatti ma' dawk li ssoltu jipparteċipaw f'din l-attività.

4.7 Il-Kunsill unanimament qabel li din l-attività għandha tingħata l-pubbliċità neċċessarja biex tirnexxi. Għalhekk minbarra ċ-ċirkulari normali li tintbagħat lir-residenti, għandhom isiru avviżi fuq il-media fejn huwa possibli.

## 5. MAJJISTRAL ACTION GROUP FOUNDATION

5.1 Is-Segretarju, is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill li huwa kien ħa ħsieb biex jiġbor il-pjanti neċċessarji mingħand il-Perit John Rizzo Naudi biex tkun ifformolata l-applikazzjoni, li tagħlaq fit-2 ta' Dicembru 2011 għall-fondi mill-Majjistral Action Group Foundation.

5.2 Il-Kunsill kien qed irressaq il-proposta biex jingħata l-fondi neċċessarji ħalliit-trejqat fiż-żona ta' Hal Mann fejn hemm iċ-ċimiterju tal-Abbati, jiġu rranġati permezz ta' dawn il-fondi.

5.3 Il-Kunsill unanimament approva din l-applikazzjoni lill-Majjistral Action Group Foundation.

## 6. SISTEMA TA' ALARM FL-UFFICJU AMMINISTRATTIV

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, ippreżenta diversi kwotazzjonijiet ta' sistemi ta' alarm bid-dettalji neċċessarji.

6.2 Il-Kunsill approva unanimament biex il-Viċi Sindku is-Sinjura Magda Magri Naudi, flimkien mas-Sinjorina Lorraine Farrugia jevaluwaw dawn il-kwotazzjonijiet biex tittieħed deċizzjoni fil-laqgħa li jmiss skont ir-rakomandazzjoni tagħhom.

## 7. LANTERNI ORNAMENTALI FIL-QALBA TAR-RAĦAL

7.1 Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia, il-Kunsill unanimament approva biex jinxtraw lampi ornamentali bħal dawk li hemm fil-preżent fil-qalba tar-raħal.

7.2 Biex jinżamm l-istess tip ta' lanterni, għandu jkun ikkuntatjat l-istess aġent – ITS Ltd. – u jekk ikun possibli, issir ordni ta' sitt lanterni oħra.

## 8. 'KUNSILLY' PARTY

8.1 Il-Kunsill unanimament approva biex il-ħaddiema jattendu 'party' organizzat u approvat mid-Dipartiment tal-Kunsill.

## 9. IL-LAQGĦA

9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 p.m.

Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta 20 ta' Diċembru 2011 fil-4.30 p.m..

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Alfred Buhagiar |
| Is-Sindku | Is-Segretarju Eżekuttiv |